IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.10.2009
KUMM(2009)547 finali

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-tieni rapport finanzjarju dwar l-eżukuzzjoni finanzjara tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Sena Finanzjarja 2008

WERREJ

1. Proċedura u segwitu baġitarji 3

2. L-Amministrazzjoni tal-approprjazzjonijiet u l-implimentazzjoni finanzjarja 5

2.1. Approprjazzjonijet għall-impenji 5

2.1.1. Approprjazzjonijiet għall-impenji għall-programmi operattivi tal-iżvilupp rurali..... 5

2.1.2. Approprjazzjonijiet għall-impenji disponibbli għall-assistenza teknika 6

2.2. Approprjazzjonijet għall-ħlasijiet 6

2.2.1. Approprjazzjonijiet disponibbli għall-programmi operattivi tal-iżvilupp rurali 6

2.2.2. Approprjazzjonijiet disponibbli għall-assistenza teknika 11

3. Rata ta' implimentazzjoni tal-programmi FAEŻR (% tal-allokazzjonijiet FAEŻR 2007 u 2008 mħallsa mill-Kummissjoni) mill-Istat Membru**Error! Bookmark not define**

1. PROĊEDURA U SEGWITU BAĠITARJI

Fit-2 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni adottat l-abbozz preliminari tal-baġit (APB) għas-sena finanzjarja 2008. L-APB għall-FAEŻR ġie propost lill-awtorità baġitarja bir-riżorsi finanzjarji li ġejjin (f' €) :

Intestatura tal-baġit	Approprjazzjonijet għall-impenji	Approprjazzjonijet għall-ħlasijiet
05.040501 (Programmi ta' żvilupp rurali)	12 542 462 561.00	9 396 700 000.00
05.040502 (Assistenza teknika)	22 089 328.00	10 000 000.00

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 li jistabbilixxi regoli għall-modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti ġie adottat fis-27 ta' Marzu 2007. L-impatt dirett fuq il-baġit tal-FAEŻR huwa żieda tal-approprjazzjonijiet għall-impenji b'ammont ta' € 362 000 000.00.

Bħala konsegwenza, il-baġit ġenerali tal-2008 ġie adottat mill-Parlament fit-tieni qari fit-13 ta' Diċembru 2007 bl-ammonti li ġejjin għall-FAEŻR:

Intestatura tal-baġit	Approprjazzjonijet għall-impenji	Approprjazzjonijet għall-ħlasijiet
05.040501 (Programmi ta' żvilupp rurali)	12 904 462 561.00	9 396 700 000.00
05.040502 (Assistenza teknika)	22 089 328.00	10 000 000.00

Fi tmiem is-sena 2007, ġew approvati mill-Kummissjoni 54 programm FAEŻR biss minn total ta' 94. L-40 programm li kien fadal ġew approvati fl-2008 kif ġej:

- 25 programm FAEŻR ġew approvati fil-bidu tal-2008 billi bbenefikaw minn trasferiment mhux awtomatiku tal-approprjazzjonijiet għall-impenji mis-sena 2007 għas-sena 2008 għal ammont totali ta' € 1 360 517 165.00:

- 15-il programm FAEŻR li għalihom ix-xogħol ta' struzzjoni ma ġiex iffinalizzat mill-Kummissjoni qabel tmiem l-2007 kienu parti mill-allokazzjoni tal-2007 li ġiet pprogrammata mill-ġdid għas-snin 2008-2013 bl-applikazzjoni tal-punt 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) dwar id-dixxiplina baġitarja

Għal dawn l-aħħar il-15-il programm FAEŻR, l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit 2007 f'isem l-allokazzjoni annwali tal-2007 ġew ikkanċellati u l-awtorità baġitarja approvat f'Mejju 2008 baġit rettifikat għal ammont supplimentari ta' € 370 376 764.00 f'approprjazzjonijiet għall-impenji li jikkorispondu għas-sehem tal-2008 tal-ipprogrammar mill-ġdid tal-allokazzjoni annwali tal-2007.

Ta' min wieħed jinnota li l-applikazzjoni tal-punt 48 tal-IIA ħtieġet ukoll ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju għall-iżvilupp rurali bir-rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/493/KE li tistabbilixxi l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu

2007-2013 u t-tqassim annwali tiegħu, kif ukoll ir-rettifika tad-Deċiżjoni 2006/636/KE li tistabbilixxi, skont l-Istat Membru, it-tqassim annwali tal-ammont għall-għajnuna Komunitarja għall-iżvilupp rurali għall-istess perjodu.

Is-sitwazzjoni deskritta fuq tfisser li l-ammont għall-approprjazzjonijiet tal-impenn li huma finalment disponibbli għal-linja tal-baġit għal programmi FAEŻR operattivi (eskluża l-assistenza teknika) huwa ta' € 14 635 356 490.00.

Ta' min jinnota li l-approprjazzjonijiet tal-ħlasijiet baqgħu fl-istess livell tal-2008 bħal dak tal-baġit adottat mill-Parlament fit-tieni qari fit-13 ta' Diċembru 2007, bl-eċċezzjoni ta' trasferiment totali ta' € 82 995 000.00 li sar fl-aħħar tas-sena sabiex iżid mal-linji baġitarji għat-Taqsima ta' Gwida tal-FAEGG. It-tabella taħt turi l-qagħda skont il-linja tal-baġit (f'Euro):

Strument finanzjarju/linja tal-baġit	**Żieda ("+") jew Tnaqqis ("-") tal-approprjazzjoni għall-ħlasijiet disponibbli (f'€)**
FAEŻR (05.040501)	- 82 995 000.00
FAEGG-Taqsima ta' Gwida Għan 1 (05.04.02.01) u FAEGG-Taqsima ta' Gwida Leader+ (05.040206)	+ 82 995 000.00
Varjazzjoni totali (żieda, tnaqqis għall-iżvilupp rurali)	0.00

It-taqsima li jmiss tiddeskrivi kif intużaw dawn il-fondi.

2. L-AMMINISTRAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA

2.1. Approprjazzjonijet għall-impenji

2.1.1. Approprjazzjonijiet għall-impenji għall-programmi operattivi tal-iżvilupp rurali

It-totalità tal-approprjazzjonijiet għall-impenji disponibbli għall-allokazzjoni 2008 (€ 14.635.356.490,00) ġew użati (i.e. implimentazzjoni finanzjarja ta' 100 %) It-tabella hawn taħt turi l-ammonti realment impenjati f'2008, għal kull Stat Membru għall-programmi tal-FAEŻR (f'Euro):

Stat Membru	Użu ta' approprjazzjonijet għall-impenji 2008
AT	594.709.669,00
BE	63.957.784,00
BG	581.200.565,00
CY	24.772.842,00
CZ	392.638.892,00
DE	1.186.941.705,00
DK	128.937.144,00
EE	95.569.377,00
ES	1.548.539.790,00
FI	318.959.772,00
FR	959.359.146,00
GR	463.470.078,00
HU	537.525.661,00
IE	355.014.220,00
IT	1.616.756.298,00
LT	248.836.020,00
LU	13.661.411,00
LV	300.635.734,00
MT	23.962.147,00
NL	72.638.338,00
PL	1.932.933.351,00
PT	587.531.051,00
RO	1.146.687.683,00
SE	277.225.207,00
SI	139.868.094,00
SK	286.531.906,00

UK	736.492.605,00
Total Kumplessiv	**14.635.356.490,00**

2.1.2. Approprjazzjonijiet għall-impenji disponibbli għall-assistenza teknika

L-Artikolu 69(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 jipprovdi għal 0.25 % tal-ammont totali għall-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali biex jintuża għall-assistenza teknika amministrata mill-Kummissjoni. Fil-baġit 2008, l-ammont disponibbli għal dan il-għan kien € 22 089 328.00 f'approprjazzjonijiet għall-impenji. Fi tmiem l-2008, l-użu tal-approprjazzjonijet għall-impenji laħaq € 5 250 376.94.

It-tabella hawn taħt turi kif intużaw dawn l-approprjazzjonijiet għall-impenji. Il-biċċa l-kbira tal-approprjazzjonijiet għall-impenji tas-sena 2008 jikkonċernaw azzjonijiet marbuta mal-kostituzzjoni tan-netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali u għall-iżvilupp tas-sistema informatika SFC2007.

Partita / deskrizzjoni	Approprjazzjonijiet għall-impenji użati fl-2008	Kummenti
040502-C1-AGRI AGRI-G3	4.879.562 €	Il-kostituzzjoni ta' netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; kumitat tal-esperti Leader + (kwadru netwerk Ewropew); seminar Ċipru; rivista Leader + (pubblikazzjoni, tqassim, traduzzjoni) u sit elettroniku.
05.040502-C1-AGRI AGRI-L4	81.000 €	Kumitat ta' esperti - evalwazzjoni ta' programmi għall-iżvilupp rurali
Subtotal ġestjoni diretta DĠ AGRI	***4.960.562 €***	
05.040502-C1-AGRI/EMPL	289.815 €	Żvilupp tas-sistema informatika SFC 2007
Subtotal ġestjoni DG EMPL	***289.815 €***	
Total kumplessiv	***5.250.377 €***	

2.2. Approprjazzjonijet għall-ħlasijiet

2.2.1. Approprjazzjonijiet disponibbli għall-programmi operattivi tal-iżvilupp rurali

L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-baġit 2008 għall-programmi FAEŻR jitilgħu għal € 9 396 700 000.00. Minn dan l-ammont disponibbli, € 82 995 000.00 ġew trasferiti f'Novembru u f'Diċembru 2008 sabiex isaħħu l-linji baġitarji 05.040201 et 05.040206 (programmi FAEGG - Taqsima ta' Gwida għall-Għan 1 u rispettivament għal Leader + tal-perjodu ta' programmar 2000-2006).

Sa tmiem is-sena 2008, l-użu tal-approprjazzjonijet għall-impenji laħaq € 8 538 840 673.98, li ntużaw kif ġej:

Ħlasijiet akkont:	€ 2.475.706.914,50
Rimborżi r-4 trimestru 2006	€ 21.697.817,73
Rimborżi t-3 trimestru 2007	€ 116.058.716,24
Rimborżi r-4 trimestru 2007	€ 1.697.255.282,24

Rimborżi l-1 trimestru 2008	€ 1.120.239.109,02
Rimborżi t-2 trimestru 2008	€ 1.303.099.545,58
Rimborżi t-3 trimestru 2008	€ 1.804.783.288,67
Użu totali 2008	€ 8.538.840.673,98

Ir-rimborżi tat-2 u t-3 trimestru 2008 għal ċerti programmi (ara l-lista taħt) kienu totalment jew parzjalment pendenti ma' tmiem is-sena finanzjarja minħbba li l-impenji tal-2007 u l-2008 għal dawn il-programmi kienu ġa ntużaw kollha mill-ħlasijiet akkont u r-rimborżi preċedenti. It-tabella taħt turi l-qagħda tal-programmi li użaw l-approprjazzjonijiet għall-impenji, u li l-ħlasijiet għalihom kellhom jistennew il-bidu tal-2009 (f'Euro):

Programm FAEŻR - Nru° CCI	Q2 2008 (It-2 trimestru)	Q3 2008 (It-3 trimestru)	Total
Vlaanderen (2007BE06RPO001)		2.634.830,50	2.634.830,50
Nordrhein-Westfalen (2007DE06RPO015)		10.345.809,87	10.345.809,87
Aragon (2007ES06RPO002)	12.299.213,27	16.291.566,28	28.590.779,54
Asturias (2007ES06RPO003)		1.100.082,61	1.100.082,61
La Rioja (2007ES06RPO016)		1.046.530,71	1.046.530,71
Ireland National (2007IE06RPO001)		95.219.252,45	95.219.252,45
Total	**12.299.213,27**	**126.638.072,42**	**138.937.285,68**

Id-differenza bejn parti waħda mill-ammont totali tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet disponibbli u, min-naħa l-oħra, l-ammont ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet użati u l-ammont trasferit sabiex jissaħħu żewġ linji għall-prejodu preċedenti ta' pprogrammar kienet ta' € 774 864 326.02 Dan l-ammont jirrapreżenta sotto-implimentazzjoni finanzjarja ta' 8.2 % tal-ammont disponibbli fil-baġit. Din is-sotto-implimentazzjoni tirriżulta prinċiplament mill-fatt li d-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tat-tielet trimestru kienet inqas mill-previżjonijiet kkomunikati fil-bidu mill-Istati Membri. Dawn l-approprjazzjonijiet ġew trasferiti lejn il-baġit tal-2009 bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SEC(2009) 164 tat-13 ta' Frar 2009 bħala approprjazzjonijiet C2 (approprjazzjonijiet mhux trasferiti awtomatikament b' Deċiżjoni tal-Kummissjoni u li għandhom jintużaw qabel il-31 ta' Diċembru 2009).

It-tabella taħt turu l-użu fix-xahar tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fis-sena 2008. Ir-ritmu tal-użu huwa influwenzat mid-dati li fihom isiru l-erba' dikjarazzjonijiet tal-ħlas (il-31 ta' Jannar, it-30 ta' April, il-31 ta' Lulju, l-10 ta' Novembru għad-dikjarazzjonijiet korrispondenti għal Q4 2007, Q1 2008, Q2 2008, Q3 2008 rispettivament).


FEADER - Użu ta' approprjazzjonijiet tal-ħlasijiet fl-2008 għal kull xahar (f'miljuni ta' €)
1200
800
400
0
83,9
1.021,1
1.151,0
1.173,9
228,9
832,7
1.024,5
694,2
479,4
34,3
1.255,3
559,8
Jannar 08
Frar 08
Marzu 08
April 08
Mejju 08
Ġunju 08
Lulju 08
Awwissu 08
Settembru 08
Ottubru 08
Novembru 08
Diċembru 08

It-tabella fuq tindika l-ammonti mħallsa mill-Kummissjoni fis-sena kalendarja 2008, skont l-Istat Membru, għal ħlasijiet bil-quddiem effettwati u għal rimborżi ta' spejjeż imġarrba mill-entitajiet paganti waqt il-perjodi tas-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2007 (Q4 2007), mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008 (Q1 2008), mill-1 ta' April 2008 sat-30 ta' Ġunju 2008 (Q2 2008), mill-1 ta' Lulju 2008 sal-15 ta' Ottubru 2008 (Q3 2008).

L-ammonti li jikkonċernaw Q4 2006, fir-rigward tal-ispejjeż iddikjarati mill-Istati Membri abbażi tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, jitħallsu darba li l-programmi korrispondenti jiġu finalment adottati mill-Kummissjoni, li tat lok għall-ħlasijiet anki fl-2008. Dawk il-ħlasijiet li jikkonċernaw programmi li għadhoma ma ġewx approvati fi tmiem is-sena finanzjarja 2007 u li huma suġġetti għal programmar mill-ġdid (l-Artikolu 48 tal-Ftehim Internazzjonali) jew ta' trasferiment mhux awtomatiku tal-approprjazzjonijiet għall-impenji tal-2007 lejn l-2008.

L-ammonti li jikkonċernaw il-Q3 2007 (imġarrba bejn l-1 ta' Lulju 2007 u l-15 ta' Ottubru 2007) jikkonċernaw programmi li eżawrew l-approprjazzjonijiet għall-impenji tagħhom tal-2007 u li tħallsu b'approprjazzjonijiet tas-sena 2008.

Ammonti effettivament imħallsa lill-Istati Membri fl-2008 (skont l-Istat Membru, f' €)

Pajjiż	Q4 2006	Q3 2007	Q4 2007	Q1 2008	Q2 2008	Q3 2008	Ħlas bil-quddiem	Total kumplessiv
AT			371.286.024,65	14.068.801,75	30.060.501,85	47.193.416,95		462.608.745,20
BE			7.855.796,56	3.716.421,52	13.468.963,93	23.489.466,28	12.866.719,12	61.397.367,41
BG				44.623.266,77	12.965.601,61	596.961,32	182.636.901,72	240.822.731,42
CY			2.861.290,58	2.226.844,54	1.795.210,19	3.573.267,86		10.456.613,17
CZ			82.096.045,38	3.042.845,25	92.557.567,73	34.928.088,97		212.624.547,33
DE		15.159.448,42	266.605.351,99	61.315.527,30	51.814.976,17	274.609.584,29	131.421.515,15	800.926.403,32
DK	2.771.313,40		33.713.148,73	23.214.105,75	8.748.958,90	8.726.793,16	31.126.255,72	108.300.575,66
EE			1.755.286,53	7.073.589,90	3.343.724,64	11.754.204,47	25.013.059,92	48.939.865,46
ES	9.322.259,39		80.727.937,95	26.293.747,01	271.633.956,77	88.157.101,41	501.043.604,54	977.178.607,07
FI	4.784,52		7.789.919,37	2.894.821,36	2.404.210,75	206.885.717,44	29.631.449,29	249.610.902,73
FR			229.535.417,99	76.434.955,78	127.587.646,72	346.967.980,17	91.330.692,29	871.856.692,95
GR			22.609.906,45	11.896.825,42	55.403.905,41	133.762.669,63	129.755.654,84	353.428.961,75
HU			52.944.204,32	16.668.304,04	34.734.352,96	44.538.336,14		148.885.197,46
IE		32.174.706,48	72.186.100,35	45.801.218,05	44.475.101,00	78.480.083,47	81.897.010,65	355.014.220,00
IT		1.846.826,34	204.378.448,94	24.746.776,27	38.881.995,32	105.155.811,51	304.567.250,20	679.577.108,58
LT			22.119.684,58	8.099.867,33	19.709.731,04	10.884.277,29		60.813.560,24
LU			2.122.639,25	882.963,35	5.003.121,20	925.950,40	2.961.487,62	11.896.161,82
LV				12.686.328,51	23.939.056,24	14.026.415,28	72.877.945,28	123.529.745,31
MT							5.364.334,84	5.364.334,84
NL			2.644.989,00	11.058.938,00	4.747.847,00	4.689.292,23		23.141.066,23
PL			26.878.091,94	392.164.087,68	306.562.342,87	120.925.904,45		846.530.426,94
PT			26.481.306,80	116.440.499,47	37.010.165,52	74.681.682,84	144.063.955,11	398.677.609,74
RO							561.575.332,14	561.575.332,14
SE			42.500.466,81	27.072.386,20	16.526.791,36	88.335.150,09	15.181.392,86	189.616.187,32
SI			243.945,74	32.148.132,08	32.675.387,55	20.190.493,06		85.257.958,43
SK			69.737.150,57	24.355.731,70	3.106.306,54	590.903,92	68.929.632,73	166.719.725,46
UK	9.599.460,42	66.877.735,00	68.182.127,76	131.312.123,99	63.942.122,31	60.713.736,04	83.462.720,48	484.090.026,00
Total	**21.697.817,73**	**116.058.716,24**	**1.697.255.282,24**	**1.120.239.109,02**	**1.303.099.545,58**	**1.804.783.288,67**	**2.475.706.914,50**	**8.538.840.673,98**

Fis-sena 2008, l-ammont totali ta' rimborżi (ħlasijiet intermedji) jitla' għal € 6 063 133 759.48, u dak tal-ħlasijiet bil-quddiem jitla' għal € 2 475 706 914.50.

Għal dak li jikkonċerna l-evoluzzjoni f'relazzjoni mal-2007, it-tabella fuq turi żieda sinifikattiva ħafna (+40.43 %) tal-ħlasijiet li saru mill-Istati Membri. Din iż-żieda hija spjegata mill-fatt li r-rimborżi iktar minn irduppjaw fl-2008 (+ 155.21 %) filwaqt li l-ammont tal-ħlasijiet bil-quddiem naqsu b'rata inqas (-33.18 %). It-tnaqqis tal-ħlasijiet bil-quddiem ġej mill-fatt li aktar min-nofs kien ġa tħallas fl-2007. Iż-żieda kbira fir-rimborżi tixhed l-implimentazzjoni progressiva tal-programmi tal-iżvilupp rurali fl-Istati Membri.

Ħlasijiet effettivament imwettqa lill-Istati Membri - Tqabbil 2008-2007 (għal kull Stat Membru, f' €)

	2007			2008			Va		
Pajjiż	Rimborżi	Ħlas bil-quddiem	Total	Rimborżi	Ħlas bil-quddiem	Total	Rimborżi	%	Ħlas b
AT	79.486.601,40	273.802.899,44	353.289.500,84	462.608.745,20		462.608.745,20	383.122.143,80	482,00%	-27
BE	38.646.666,61	16.436.002,28	55.082.668,89	48.530.648,29	12.866.719,12	61.397.367,41	9.883.981,68	25,58%	-
BG				58.185.829,70	182.636.901,72	240.822.731,42	58.185.829,70		18
CY		11.376.650,18	11.376.650,18	10.456.613,17		10.456.613,17	10.456.613,17		-1
CZ		197.085.444,78	197.085.444,78	212.624.547,33		212.624.547,33	212.624.547,33		-19
DE	376.206.462,97	436.454.678,63	812.661.141,60	669.504.888,17	131.421.515,15	800.926.403,32	293.298.425,20	77,96%	-30
DK				77.174.319,94	31.126.255,72	108.300.575,66	77.174.319,94		3
EE		25.013.059,92	25.013.059,92	23.926.805,54	25.013.059,92	48.939.865,46	23.926.805,54		
ES	3.903.655,85	3.930.641,26	7.834.297,11	476.135.002,53	501.043.604,54	977.178.607,07	472.231.346,68	12097,16%	49
FI	216.341.356,81	115.963.854,19	332.305.211,00	219.979.453,44	29.631.449,29	249.610.902,73	3.638.096,63	1,68%	-8
FR	552.323.242,89	359.606.865,33	911.930.108,22	780.526.000,66	91.330.692,29	871.856.692,95	228.202.757,77	41,32%	-26
GR	194.014.806,92	129.755.654,84	323.770.461,76	223.673.306,91	129.755.654,84	353.428.961,75	29.658.499,99	15,29%	
HU	1.569.249,15	266.409.037,44	267.978.286,59	148.885.197,46		148.885.197,46	147.315.948,31	9387,67%	-26
IE	291.786.505,35	81.897.010,65	373.683.516,00	273.117.209,35	81.897.010,65	355.014.220,00	-18.669.296,00	-6,40%	
IT	169.986.744,42	275.873.441,60	445.860.186,02	375.009.858,38	304.567.250,20	679.577.108,58	205.023.113,96	120,61%	2
LT		122.035.206,50	122.035.206,50	60.813.560,24		60.813.560,24	60.813.560,24		-12
LU	11.080.836,77	3.341.160,20	14.421.996,97	8.934.674,20	2.961.487,62	11.896.161,82	-2.146.162,57	-19,37%	
LV				50.651.800,03	72.877.945,28	123.529.745,31	50.651.800,03		7
MT					5.364.334,84	5.364.334,84			
NL	18.232.811,00	34.056.481,68	52.289.292,68	23.141.066,23		23.141.066,23	4.908.255,23	26,92%	-3
PL		926.102.670,92	926.102.670,92	846.530.426,94		846.530.426,94	846.530.426,94		-92
PT	90.261.356,57	130.988.796,85	221.250.153,42	254.613.654,63	144.063.955,11	398.677.609,74	164.352.298,06	182,08%	1
RO					561.575.332,14	561.575.332,14			56
SE	179.519.739,08	112.613.963,92	292.133.703,00	174.434.794,46	15.181.392,86	189.616.187,32	-5.084.944,62	-2,83%	-9
SI	30.063.136,39	63.018.671,02	93.081.807,41	85.257.958,43		85.257.958,43	55.194.822,04	183,60%	-6
SK		68.929.632,73	68.929.632,73	97.790.092,73	68.929.632,73	166.719.725,46	97.790.092,73		
UK	122.297.861,10	50.207.488,90	172.505.350,00	400.627.305,52	83.462.720,48	484.090.026,00	278.329.444,42	227,58%	3
Total	**2.375.721.033,28**	**3.704.899.313,26**	**6.080.620.346,54**	**6.063.133.759,48**	**2.475.706.914,50**	**8.538.840.673,98**	**3.687.412.726,20**	**155,21%**	**-1.229**

2.2.2. Approprjazzjonijiet disponibbli għall-assistenza teknika

Fil-baġit 2008, l-ammont inizjalment disponibbli għal dan il-għan jitla' għal € 10 000 000.00 għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet. Waqt is-sena finanzjarja tal-ħlas globali 2008 li sar mid-DĠ BUDG, ammont ta' € 2 000 000.00 ġie trasferit lejn linja baġitarja oħra barra mill-qasam tal-iżvilupp rurali. Sa tmiem l-2008, l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-kreditu jitla' għal € 3 455 471.11.

It-tabella li ġejja turi l-ammonti mħallsa skont il-linja baġitarja, kif ukoll l-implimentazzjonijiet ewlenin, partikolarment il-kostituzzjoni ta' netwerk ewropew għall-iżvilupp rurali u l-osservatorju għaż-żoni rurali.

Partita / deskrizzjoni	Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet użati fl 2008	Kummenti
040502-C1-AGRI AGRI-G2	23.870 €	Ħlas finali seminar RD (3 u 4 ta' Ott. 07 fi Brussell)
040502-C1-AGRI AGRI-G3	3.007.565 €	Il-kostituzzjoni ta' netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; ossservatorju għaż-żoni rurali: seminar Corsica u Evora; rivista Leader + (pubblikazzjoni, tqassim); ħlas tal-esperti (kumitat ta' esperti Leader +).
Subtotal ġestjoni diretta DĠ AGRI	***3.031.434 €***	
05.040502-C1-AGRI/DGT	107.413 €	Traduzzjoni mid-DGT (rivista Leader +)
05.040502-C1-AGRI/EMPL	316.624 €	Żvilupp tas-sistema informatika SFC 2007
Subtotal ġestjoni mid-DĠ DGT u d-DĠ EMPL	***424.037 €***	
Total kumplessiv	***3.455.471 €***	

Għandu jiġi nnutat li parti minn dawn l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet użati fl-2008 għal-linja baġitarja korrispondenti għall-iżvilupp tas-sistema informatika SFC 2007 (€ 316 624) jikkonċernaw impenji li saru fis-sena 2007.

ANALIŻI SKONT L-ASSI U L-MIŻURA FAEŻR TAL-AMMONTI DDIKJARATI MILL-ISTITUZZJONIJIET PAGANTI TAL-ISTATI MEMBRI

It-tabella isfel turi l-infiq iddikjarat mill-Istati Membri skont il-miżura ta' żvilupp rurali fl-2007 (minn Q4 2006 sa q3 2007), fl-2008 (minn Q4 2007 sa Q3 2008), u t-tqabbil mal-istess infiq mill-bidu tal-programmi (Q4 2006 sa Q3 2008), u bl-ammonti li jidhru fil-pjani ta' finanzjament 2007-2013 (f'miljuni ta' €). Dan it-tqabbil juri sa liema punt l-implimentazzjoni reali tikkorrispondi mal-previżjonijiet stabbiliti fil-programmi.

Għas-sena 2008, joħroġ li 21.3 % ta' dawn l-ammonti jikkonċernaw infiq għal miżuri f'isem l-assi 1, 75.0 % għall-miżuri f'isem l-assi 2, u 1.9 % għall-assi 3. Din il-qagħda tippreżenta differenzi sinifikattivi fir-rigward tal-pjan finanzjarju fis-seħħ fi tmiem Diċembru 2008 għat-totalità tal-perjodu 2007-2013 (34 % għall-assi 1, 43.7 % għall-assi 2, u 13.4 % għall-assi 3).

Din il-qagħda tista' tiġi spjegata min-natura tal-miżuri tal-assi 2 li spiss jitħallsu sew abbażi tal-kuntratti tul il-programmazzjoni preċedenti u sew bis-saħħa ta' pagamenti annwali. Madankollu, id-dewmien fir-rigward tal-assi 1 u 3 jista' jiġi spjegat mill-fatt li l-proġetti ta' investiment jeħtieġu proċedura itwal għall-approvazzjoni tagħhom (il-pubblikazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-għoti, il-wasla tat-talbiet mill-benefiċjarji potenzjali, proċedura tal-għażla, eċċ.) u għall-implimentazzjoni tagħhom.

Il-bilanċ bejn l-assi fl-istrateġija tal-iżvilupp ta' kull programm se tintlaħaq skont il-każ hekk kif il-programmi FAEŻR jimxu 'l quddiem fl-implimentazzjoni tagħhom. Fil-fatt, it-tqabbil tal-perċentwali tas-sena 2008 ma' dawk tal-2007 juri diġà evoluzzjoni f'dan is-sens u, bħala eżempju, l-assi 2 għadda minn 81.6 % tan-nefqa ddikjarata fl-2007 għal 75.0 % fl-2008, filwaqt li l-assi 1 juri evoluzzjoni bil-maqlub minn 16.0 % fl-2007 għal 21.3 % fl-2008.

Talbiet għall-ħlas FEADER, skont l-assi u l-miżura - sena 2007 (Q4 2006 sa Q3 2007),
Talbiet għall-ħlas FEADER, skont l-assi u l-miżura - sena 2008 (Q4 2007 sa Q3 2008),
Talbiet għall-ħlas FEADER, skont l-assi u l-miżura - sena 2007 u sena 2008 (Q4 2006 sa Q3 2008),
u pjani finanzjarji fis-seħħ sa tmiem l-2008 (perjodu 2007-2013)

Assi / Miżura FEADER	2007 (Q4 2006 sa Q3 2007, f'miljuni ta' €)	2007 (Q4 2006 sa Q3 2007, f'%)	2008 (Q4 2007 sa Q3 2008, f'miljuni €)	2007 (Q4 2007 sa Q3 2008, f'%)	2007 u 2008 (Q4 2006 sa Q3 2008, f'miljuni ta' €)	2007 u 2008 (Q4 2006 sa Q3 2008, f'%)	Pjani finanzjarji 2007-2013 (f'miljuni ta' €)	Pjani finanzjarji 2007-2013 (f'%)
111 Taħriġ professjonali u azzjonijiet informattivi	15,2	0,6%	22,9	0,4%	38,1	0,4%	996,1	1,1%
112 Bidu lill-bdiewa żgħażagħ	80,4	3,2%	147,5	2,4%	227,9	2,7%	2.724,0	3,0%
113 Irtirar bikri	51,8	2,1%	319,5	5,3%	371,3	4,3%	2.638,9	2,9%
114 Użu tas' servizz ta' konsulenza	0,2	0,0%	3,3	0,1%	3,6	0,0%	662,5	0,7%
115 Ħolqien ta' servizzi ta' ġestjoni, għajnuna u konsultazzjoni	0,46	0,0%	0,35	0,0%	0,81	0,0%	135,1	0,1%
121 Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli	150,0	6,0%	400,0	6,6%	550,0	6,4%	9.656,9	10,6%
122 Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti	13,6	0,5%	13,6	0,2%	27,2	0,3%	651,3	0,7%
123 Il-valorizzazzjoni tal-prodotti agrikoli u forestali	24,1	1,0%	116,8	1,9%	140,9	1,6%	5.535,9	6,1%
124 Kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti ġodda	-	0,0%	0,7	0,0%	0,7	0,0%	336,5	0,4%
125 Infrastruttura marbuta mal-iżvilupp u l-addattament	29,4	1,2%	98,0	1,6%	127,4	1,5%	4.867,7	5,4%
126 Ir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola	6,3	0,2%	17,6	0,3%	23,9	0,3%	730,2	0,8%
131 L-osservanza tan-normi msejsa fuq il-leġiżlazzjoni Komun	30,1	1,2%	2,0	0,0%	32,0	0,4%	94,4	0,1%
132 Il-parteċipazzjoni tal-bdiewa fil-programmi għall-kwalità ta	0,0	0,0%	1,8	0,0%	1,8	0,0%	294,4	0,3%
133 Attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni	-	0,0%	1,0	0,0%	1,0	0,0%	208,8	0,2%
141 Agrikoltura ta' semi-sussistenza	-	0,0%	136,5	2,3%	136,5	1,6%	915,3	1,0%
142 Gruppi ta' produtturi	-	0,0%	7,3	0,1%	7,3	0,1%	325,5	0,4%
143 Ħlasijiet diretti (BG + RO)	-	0,0%	-	0,0%	-	0,0%	131,8	0,1%
Assi 1	**401,6**	**16,0%**	**1.289,0**	**21,3%**	**1.690,6**	**19,7%**	**30.905,2**	**34,0%**
211 Ħlasijiet lill-bdiewa tar-reġjuni muntanjużi (żoni bi żvantaġ	382,5	15,2%	878,6	14,5%	1.261,1	14,7%	6.006,7	6,6%
212 Ħlasijiet lill-bdiewa tar-reġjuni żvantaġġati, għajr...	323,5	12,9%	1.011,1	16,7%	1.334,7	15,6%	6.658,2	7,3%
213 Ħlasijiet Natura 2000 u ħlasijiet marbuta mad-Direttiva…	1,8	0,1%	10,4	0,2%	12,2	0,1%	469,0	0,5%
214 Ħlasijiet agro-ambjentali	1.204,0	47,8%	2.312,0	38,1%	3.516,0	41,0%	20.276,8	22,3%
215 Ħlasijiet għall-ħarsien tal-annimali	10,5	0,4%	40,1	0,7%	50,6	0,6%	342,6	0,4%
216 Investimenti mhux produttivi	0,8	0,0%	4,1	0,1%	4,9	0,1%	463,1	0,5%
221 L-ewwel tisġir tal-art agrikola	82,8	3,3%	191,8	3,2%	274,6	3,2%	2.410,5	2,6%
222 L-ewwel stabbiliment ta' sistemi agroforestali fuq ...	-	0,0%	-	0,0%	-	0,0%	22,7	0,0%
223 L-ewwel tisġir ta' art mhux agrikola	1,5	0,1%	5,3	0,1%	6,8	0,1%	360,8	0,4%
224 Ħlasijiet Natura 2000	-	0,0%	0,2	0,0%	0,2	0,0%	108,3	0,1%
225 Ħlasijiet forestali-ambjentali	0,4	0,0%	4,9	0,1%	5,2	0,1%	263,4	0,3%
226 Ir-restawr tal-potenzjal forestali u l-introduzzjoni tal-prever	38,1	1,5%	62,8	1,0%	100,9	1,2%	1.560,8	1,7%
227 Investimenti mhux produttivi	8,5	0,3%	25,2	0,4%	33,7	0,4%	808,2	0,9%
Assi 2	**2.054,3**	**81,6%**	**4.546,5**	**75,0%**	**6.600,8**	**76,9%**	**39.751,3**	**43,7%**
311 Diversifikazzjoni tal-attivitajiet mhux agrikoli	9,6	0,4%	11,2	0,2%	20,8	0,2%	1.436,0	1,6%
312 Ħolqien u żvilupp ta' impriżi	0,3	0,0%	5,9	0,1%	6,2	0,1%	2.185,8	2,4%
313 Promozzjoni ta' attivitajiet turistiċi	4,2	0,2%	15,2	0,3%	19,4	0,2%	1.300,6	1,4%
321 Servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali	10,7	0,4%	21,7	0,4%	32,4	0,4%	2.692,3	3,0%
322 Tiġdid u żvilupp tal-irħula	17,5	0,7%	29,6	0,5%	47,1	0,5%	3.045,8	3,3%
323 Konservazzjoni u titjib tal-wirt rurali	7,4	0,3%	23,4	0,4%	30,8	0,4%	1.265,5	1,4%
331 Taħriġ u informazzjoni	0,4	0,0%	1,6	0,0%	2,0	0,0%	135,8	0,1%
341 Kisb ta' kompetenzi, animazzjoni u implimentazzjoni ta' ...	0,5	0,0%	6,0	0,1%	6,5	0,1%	161,2	0,2%
Assi 3	**50,7**	**2,0%**	**114,7**	**1,9%**	**165,4**	**1,9%**	**12.222,8**	**13,4%**
411 Implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp lokali. Kompetittiv	0,0	0,0%	0,7	0,0%	0,7	0,0%	448,1	0,5%
412 Implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp lokali. Ambjent/ar	-	0,0%	0,0	0,0%	0,0	0,0%	168,2	0,2%
413 Implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp lokali. Kwalità tal	0,2	0,0%	5,0	0,1%	5,2	0,1%	3.806,6	4,2%
421 Implimentazzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni	-	0,0%	0,2	0,0%	0,2	0,0%	265,6	0,3%
431 Tmexxija tal-grupp ta' azzjoni lokali, ksib ta' kompetenzi u	-	0,0%	2,4	0,0%	2,4	0,0%	844,6	0,9%
Assi 4	**0,3**	**0,0%**	**8,4**	**0,1%**	**8,7**	**0,1%**	**5.533,2**	**6,1%**
511 Assistenza teknika	**10,6**	**0,4%**	**61,4**	**1,0%**	**72,0**	**0,8%**	**1.925,4**	**2,1%**
611 FG RO Ħlasijiet diretti		**0,0%**	**44,9**	**0,7%**	**44,9**	**0,5%**	**645,6**	**0,7%**
Total kumplessiv (1)	**2.517,4**	**100,0%**	**6.064,9**	**100,0%**	**8.582,3**	**100,0%**	**90.983,5**	**100,0%**

(1) 2007 => ċifra aġġornata wara l-programmazzjoni mill-ġdid

RATA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMMI FAEŻR (% TAL-ALLOKAZZJONIJIET FAEŻR 2007 U 2008 MĦALLSA MILL-KUMMISSJONI) MILL-ISTAT MEMBRU

Il-grafika tal-paġna li jmiss turi l-livell ta' ħlasijiet FAEŻR mill-bidu tal-perjodu tal-ipprogrammar, inkluż l-ammonti mħallsa mill-Istati Membri għall-aħħar trimestru tal-2008 (u rrimborżati għalhekk mill-Kummissjoni bil-baġit 2009), imqabbel mal-allokazzjoni tas-snin 2007 u 2008. Dan il-livell qiegħed 71.7 % għat-totalità tal-programmi FAEŻR.

Il-grafika turi li l-programmi kollha ħlief 4 (Malta, il-Litwanja, il-Bulgarija u l-Latvja) nefqu, fuq livell ta' Stat Membru, aktar minn 50 % tal-ammont kumulat tal-approprjazzjonijiet għall-2007 u l-2008.

Min-naħa l-oħra, 5 pajjiżi (l-Irlanda, Franza, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Belġju) iddikjaraw spejjeż li jaqbżu l-ammont kumulat tal-approprjazzjonijiet għall-2007 u l-2008, qabża li kellha tiġġarrab mill-impenn annwali għall-2009.



* - Innota li d-dikjarazzjonijiet kollha tal-ħlas Q4 2008 sejrin jitħallsu fil-bidu tal-2009; l-ammonti ta' dawn id-dikjarazzjonijiet Q4 2008 huma inklużi fil-grafika.
- Għar-Renju Unit, il-perċentwal tal-ħlasijiet bil-quddiem ta' 7% japplikaw għall-ammont tal-pjan ta' finanzjament mingħajr il-parti tal-modulazzjoni volontarja.
- Innota li l-ħames Stati Membri li juru rati superjuri għal 100% fil-konfront tal-impenji tas-snin 2007 et 2008 użaw approprjazzjonijiet tas-sena 2009.